~~U nixbhuhom?... nies ħaddiema~~
~~Nies ħawtiela 'l ġensna bdew,~~
~~U l-Maltin mad-dinja kollha~~
~~Għal dal-ħwejjeġ jissemmew.~~

## TIFHIRA LIL MALTA

Int sabiħa, o Malta tagħna!
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tatik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

Fik il-bard lil ħadd ma jikser,
Meta x-xemx tgħaddilek bgħid,
Ma jiġix inhar tul sena
Illi ma jsaħħnekx xi ftit.

U l-art tiegħek kull ma tagħmel
Kollu tajjeb, kollu bnin;
Ġewwa bliethom il-frott tiegħek
Jixtequh wisq barranin.

Illi l-ġid bil-wisq tatina (*)
Qaluh fl-ibgħad żmenijiet;
F'lli tagħti għad li żgħira
Tisboq il bosta artijiet.

B'kull tifħir, o Gżira mbierka,
Il-għorrief semmewk, kitbuk;
Għal insiġ idejn uliedek (†)
Elfejn sena ilu faħħruk.

Liema ħaġa li fik tinbet
Tieba u benna ma turix?
Il-larinġa, il-frawla tiegħek
Min fid-dinja ma jsemmix?

---

(*) Fertilis est Melite, sterili vicina Cosyrae — Ovid.
† Ciċero: In Verrem, 4.

U x'ingħid mill-għasel tiegħek,
Liema bniedem ma jfaħħrux?
Jekk iduru d-dinja kollha
Oħla minnu ma jsibux.

Fik il-qronfla, fik il-warda
Biex tħawwilhom l-anġli ġiet;
Imkien ġmielhom, imkien bħalhom,
Fihom riħa tas-smewwiet.

Ġewwa fik, o Gżira tagħna,
Ħlief il-ħlewwa ma tidhirx;
U kif le, jekk ismek, ismek
Ħlief il-għasel ma jfissirx?......

## ~~IL-PORT TA' MALTA~~

~~Fost il-ħwejjeġ sbieħ li għandna~~
~~Għandna l-Port bil-wisq imfaħħar;~~
~~Mhux għal xej' tara l-barrani~~
~~Li għal ġmielu jibqa' msaħħar.~~

~~Mill-iswar li lilu jdawru~~
~~Ma tikxiflu kullimkien;~~
~~Ġo fih tara bħala dgħajjes~~
~~L-isbaħ, l-ikbar, l-aqwa ġfien.~~

~~Tul u wisa' u ilma għali~~
~~Fih kemm trid u kemm tixtieq,~~
~~Sa minn barra tasal ġewwa~~
~~Tista' tgħid l-ixxabba' t-triq.~~

~~Ġewwa fih għad li Port wieħed~~
~~Inti tara erba' daħliet,~~
~~Li jgħodduhom fi bliet oħra~~
~~Sa mill-isbaħ portijiet.~~

~~L-ogħla swar, l-iżjed qawwija~~
~~Ġewwa nofshom igħalquh,~~
~~Jekk xi għadu jrid fih jidħol,~~
~~Minn wisq bgħid huma jżommuh.~~

~~Ara x'dell fil-baħar waqqgħu~~
~~Ta' Sant'Anġlu l-għolja swar,~~
~~Ħalli jersqu taħt ħitanek,~~
~~O Sant'Anġlu, ġ-ġfien il-kbar!~~